MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 347/2015/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 347/2015 JZM fl-ismijiet :**

**Il-Malta Union of Teachers (M.U.T.)**

***kontra***

1) **Ministeru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol**

2) **l-Union Haddiema Maghqudin (U.H.M.)**

3) **Fondazzjoni Servizzi Edukattivi (F.S.E)**

**4) Public Administrative Collective Bargaining Unit (P.A.C.B.U)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti pprezentat rikors kontra l-intimati ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fis-27 ta` Frar 2015. Mar-rikors ipprezentat dokument.

Fis-27 ta` Frar 2015, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, tat lill-intimati ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 10 ta` Marzu 2015 fid-9.00 a.m.

Il-union intimata u l-Ministeru intimat kienu notifikati fis-27 ta` Frar 2015, il-Fondazzjoni ntimata kienet notifikata fit-2 ta` Marzu 2015, waqt li l-intimata PACBU tat ruhha b`notifikata formalment fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2015.

Il-union intimata pprezentat risposta fis-6 ta` Marzu 2015, waqt li l-intimati l-ohra pprezentaw risposta fid-9 ta` Marzu 2015.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2015. Waqt l-udjenza, kienu prezentati dokumenti. F`din l-udjenza, Av. Charmaine Cristiano Grech, ghall-Ministeru ntimat, ghamlet dikjarazzjoni ghall-fini tal-Art 873(3) tal-Kap 12. Il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri. Ir-rikors thalla ghal provvediment "*in camera*".

Il-Qorti rat l-atti l-ohra tal-procediment tal-lum.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex izomm lill-intimati :-

*i) Jkollhom jew jibqghu ghaddejjin b`tahdidiet jew negozjati bejniethom inkluz tramite l-Publix Administrative Collective Bargaining Unit (PACBU) ntizi li jwasslu ghal xi ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol ta` Child Carers li jahdmu fi hdan Child Care Centres tal-Fondazjoni Servizzi Edukattivi (FSE) jew aghar minn hekk li jikkonkludu u jiffirmaw xi ftehim inkluz kwalsiasi Collective Agreement li jkun referibbli ghalihom ...*

*ii) Fir-rigward tal-Union intimata Union Haddiema Mghqudin (UHM) ... tigi inibita milli tramite membri jew rapprezentanti taghha jew kwalsiasi terzi ohra, taccedi gewwa Child Care Centres amministrati mill-Fondazzjoni ntimata Fondazzjoni Servizzi Edukattivi (FSE) waqt il-hin tax-xoghol tac-Child Carers b`mod partikolari dawk li huma membri tal-Union rikorrenti, u titkellem ma` l-imsemmija Child Carers.*

*iii) Fir-rigward tal-Fondazzjoni ntimata Fondazzjoni Servizzi Edukattivi ... tigi inibita milli tghaddi li terzi, b`mod partikolari lill-Union Haddiema Maghqudin, kwalsiasi informazzjoni personali ta` child carers (possibilment sahansitra bi ksur tal-Ligi li tirregola Data Protection) ...*

## III. L-ilment tar-rikorrenti

It-talba ghall-hrug tal-Mandat kif fuq rikjest qeghda issir abbazi tal-pretensjoni li l-maggoranza tac-Child Carers huma membri tal-union rikorrenti mhux tal-union intimata. Ir-rikorrenti tghid illi qabel il-presentata tar-rikors tal-lum, u precizament fid-9 ta` Frar 2015, hija kienet ipprezentat protest gudizzjarju kontra tlieta mill-intimati (eskluz il-PACBU) [Dok MUT1].

**IV. Id-difiza tal-union intimata**

Fl-ewwel lok, il-union intimata ssostni li din il-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni li tipprovdi dwar l-ilment tar-rikorrenti ; il-forum kompetenti huwa t-Tribunal Industrijali. Fit-tieni lok, tghid li c-child carers huma tutelati minn ftehim kollettiv li nnegozjat hi mal-Fondazzjoni intimata u li jkopri mhux lilhom izda lill-haddiema l-ohra kollha tal-Fondazzjoni. Sabiex ir-rikorrenti tittratta ghac-child carers wahedhom, dawn iridu jkunu gew rikonoxxjuti bhala *"separate bargaining unit"* mit-Tribunal kompetenti ; dan sal-lum ghadu ma sarx. Ghalhekk ir-rikorrenti m`ghandha l-ebda jedd tavvanza l-pretensjonijiet taghha. Fit-tielet lok, tghid li ghandha l-jedd li tibqa` tittratta mal-awtoritajiet billi tgawdi l-fiducja tal-maggoranza tal-haddiema tal-Fondazzjoni. Fir-raba` lok, issostni li ghax hija l-union rikonoxxjuta, ghandha kull jedd tmur fuq il-post tax-xoghol u tkellem lill-membri taghha. Fil-hames lok, tghid li hija tirrapprezenta l-maggoranza anke tac-child carers ; fi kwalunkwe kaz, sal-lum ghadu ma sar l-ebda process ta` verifika li stabilixxa li r-rikorrenti tirrapprezenta lill-maggoranza tac-child carers impjegati mill-Fondazzjoni intimata. Isostnu li ma hemmx ir-rekwiziti rikjesti mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat.

**V. Id-difiza tal-intimati l-ohra**

**Fil-qosor**, l-awtoritajiet intimati jirrilevaw li sal-31 ta` Dicembru 2014, il-haddiema tal-Fondazzjoni intimata – inkluz il-child carers – kienu koperti minn ftehim kollettiv li kien kontrattat mal-union intimata. Wara li ghalaq il-ftehim, bdew negozjati mal-istess union ghal tigdid tal-ftehim. Qabel ghalaq il-ftehim, bil-preciz fid-9 ta`

Dicembru 2014, ir-rikorrenti talbet li tinghata rikonoxximent ghar-rigward tac-child care assistants. L-intimati talbu prova li r-rikorrenti tirrapprezenta l-maggoranza taghhom sabiex ikun jista` jibda l-process ta` verifika. Skond dawn l-intimati, ir-rikorrenti pprovdew lista ta` membri taghhom fil-grad ta` child care assistants. Minnha ma kienx jirrizulta li r-rikorrenti kellha maggoranza ta` 50% u wiehed ; ghalhekk id-Direttur ghar-Relazzjonijiet Industrijali ma setax ighati bidu ghall-process ta` verifika. Ghalhekk komplew in-negozjati mal-union intimata dwar ftehim kollettiv gdid li jkopri lill-haddiema kollha nkluz ic-child carers. Isostnu li ghalkemm ir-rikorrenti mhijiex rikonoxxjuta bhala rappresentattiva tal-maggoranza tac-child care assistants, u ghad li m`ghandhom l-ebda rabta kontrattwali maghha, xorta wahda nghatat permess tmur fil-postijiet tax-xoghol fejn jahdmu c-child carers.

## VI. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>

**<u>Skond is-subinciz (1)</u>** :–

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**<u>Skond is-subinciz (2)</u>** :–

*Il-Qorti **<u>m'ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

**<u>In linea generali</u>**, tnejn huma l-elementi li rikorrent irid jissodisfa :-

1) irid juri li l-mandat huwa **<u>mehtieg</u>** sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u

2) irid jipprova li ***prima facie*** ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

**Iz-zewg elementi fuq riferiti huma in linea generali**.

**Izda** fejn il-Mandat ikun qed jintalab li johrog *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha* [**Art 873(3**)] l-elementi minn tnejn isiru tlieta u cioe` :–

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Fil-kaz tal-lum, waqt l-udjenza tal-10 ta` Marzu 2015, l-Av. Charmaine Cristiano Grech, ghall-Ministeru intimat, tat il-konferma fil-miftuh prevista mill-Art 873(3) tal-Kap 12.

Fil-kuntest tat-**<u>tielet element</u>** li jrid jikkonkorri fil-kaz ta` Mandat *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha*, partikolarment l-element tal-*pregudizzju*, ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u <u>mhux</u> alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

**Kif diga` kellha okkazjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Din hija r-raguni ghala l-ligi nbidlet u stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tkun michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu</u> ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew ma ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa <u>limitat u cirkoskritt</u> biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.**

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali <u>eccezzjonali</u>. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

**VII. <u>Gurisdizzjoni</u>**

Fl-kors tal-procediment bin-nru **<u>1507/2012 fl-ismijiet "Malta Union of Bank Employees vs HSBC Bank Malta plc</u>"** il-bank intimat *inter alia* ressaq eccezzjoni kontra talba ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni billi sostna li l-materja kienet kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali mhux tal-qrati ordinarji.

**Ghalkemm f`dak il-kaz it-talba ghall-hrug tal-Mandat kienet sabiex il-bank intimat jinzamm milli jkecci, itemm l-impieg jew ibiddel il-kondizzjonijiet tal-impieg ta` kategorija ta` haddiema membri tal-union rikorrenti, u mhux dwar rikonoxximent ta` union li tallega li ghandha bhala membri taghha l-maggoranza ta` kategorija ta` haddiema, fil-provvediment li tat fit-8 ta` Novembru 2012 f`dak il-procediment, din il-Qorti <u>kif presjeduta</u> esprimiet ruhha kjarament dwar il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni.**

**Billi fil-fehma ta` din il-Qorti dak li pprovdiet hemm ighodd *mutatis mutandis* ghall-kaz tal-lum, hija sejra ticcita minn dak il-provvediment :-**

*Il-bank intimat ighid illi din il-Qorti m`ghandhiex kompetenza illi tordna l-hrug tal-Mandat ghaliex abbazi tal-Art.75 tal-Kap.452 il-gurisdizzjoni eskluziva dwar il-materji sollevati mill-union rikorrenti hija tat-Tribunal Industrijali.*

*Fl-Att XXIII tal-2000 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali <u>(Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta)</u> l-Art.75 huwa d-disposizzjoni li tistabilixxi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali.*

*Minn ezami ta` l-ewwel (1) subinciz ta` dan l-artikolu, jirrizulta fil-paragrafu (a) li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni eskluziva fil-kazijiet kollha fejn jigi*

*allegat li **saret** tkeccija ngusta (sottolinear u enfasi ta` din il-qorti). Bil-paragrafu (b) il-gurisdizzjoni esklusiva twessghet sabiex tkopri dawk il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu, ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skond it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra ... (sottolinear ta` din il-Qorti)*

*Specifikament dwar il-paragrafu (b), it-Titolu I tal-Kap.452 imsejjah "Relazzjonijiet dwar l-Impiegi" jikkomprendi tmienja u erbghin (48) artikoli mifruxa fuq seba` (7) taqsimiet :*

*Taqsima I : Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi*

*Taqsima II : Kondizzjonijiet maghrufa ta' Impieg*

*Taqsima III : Protezzjoni tal-Pagi*

*Taqsima IV : Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni relatata ma` l-Impieg*

*Taqsima V : Temm ta' Kuntratti ta` Servizz*

*Taqsima VI : Infurzar u Ksur rigward Impiegi*

*Taqsima VII : Amministrazzjoni li ghandha x'taqsam ma' Impiegi*

*Kif diga` kellha okkazjoni tghid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**Karmenu Vella vs General Workers` Union**" u din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta` Mejju 2010 fil-kawza "**Simon Grima vs M H Malta Limited**", mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghal dan minn esami tas-seba' taqsimiet tat-Titolu I. Fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali dan qalitu kjarament. Per ezempju, fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm t-Tribunal Industrijali nghata gurisdizzjoni eskluziva, kif tghid il-ligi stess.*

*Il-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta b'deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet ta` l-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b'mod wiesgha biex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk* ***espressament*** *indikati fil-ligi li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.*

*L-Art.75(1)(b) ighid dak li jghid mhux b`kumbinazzjoni izda ghal ghan specifiku u cioe` sabiex taghti gurisdizzjoni eskluziva lit-Tribunal Industrijali f`dawk il-kazi li jaghmlu parti mit-Titolu I jew ir-regolamenti preskritti tahtu* ***u*** *li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Fejn fit-Titolu I, il-ligi riedet li jidhol it-Tribunal Industrijali, hekk qalet specifikament. Li kieku l-legislatur ried tassew li l-kazijiet kollha li jirrigwardaw kull wiehed mit-tmienja u erbghin (48) artikoli li jaghmlu it-Titolu I jigi kunsidrat u deciz b`mod eskluziv mit-Tribunal Industrijali, kien jirreferi* ***mill-ewwel u biss*** *ghad-disposizzjonijiet tat-Titolu I (inkluz ir-regolamenti) u mhux jispecifika il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I jew ta` regolamenti preskritti.*

*Riferibbilment ghat-talba tal-union rikorrenti ma jirrizultax li xi membru tal-union rikorrenti tkecca jew kien terminat l-impieg tieghu. Ghalhekk ma tistax tiskatta l-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali ladarba l-union rikorrenti mhijiex tallega li* ***saret*** *tkeccija ngusta (kliem il-ligi – sottolinear u enfasi tal-qorti).*

*Fejn it-talba tolqot is-Salesforce and Sales Management Agreement, lanqas ma tista` tigi nvokata gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali ghall-fini tal-procediment tal-lum.*

*Fost is-seba` taqsimiet tat-Titolu I, l-unika li tmiss il-kondizzjonijiet tal-impieg hija Taqsima II. Fl-ewwel subinciz (1) tal-Art.5 il-ligi tghid liema huma l-kondizzjonijiet maghrufin ta` impieg tal-impjegati interessati u cioe` il-kondizzjonijiet ta' l-impieg preskritti f'ordni ta' standard nazzjonali,* ***jew*** *f'ordni biex jirregola settur,* ***jew ftehim***

***kollettiv*****, *jew*** *stabbiliti bi ftehim volontarju* ***jew*** *decizjoni taht it-Titolu II ta' dan l-Att,* ***jew*** *mehtiega li jigu mharsa b'dan* ***jew*** *skond dan l-Att (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti). Fis-subinciz erbgha (4) imbaghad, il-ligi tghid illi xejn f'dan l-artikolu ma ghandu jkun ta' pregudizzju ghal xi drittijiet li l-partijiet jistghu jkollhom minn xi kuntratt ta' servizz* ***jew xi ftehim kollettiv*** *skond id-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att* ***jew ta' xi ligi ohra*** *inkluz il-Kodici Civili. (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).*

*Minn konsiderazzjoni tal-ewwel (1) u tar-raba` (4) subincizi tal-Art.5, hija l-fehma ta` din il-qorti li bhala qorti ordinarja mhijiex prekluza milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-union rikorrenti fi procediment specjali bhal ma huwa dak tal-lum. Dan tghidu wara li qieset id-disposizzjonijiet generali tal-Kap.12 dwar il-mandati kawtelatorji (Art.829 et seq) u l-mandat ta` inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju (Art.830.1.h), wara li qieset id-disposizzjonijiet li jolqtu l-mandat ta` inibizzjoni et sic (Art.873 et seq), wara li qieset il-kompetenza ta` din il-qorti u wara li qieset ukoll l-Art.77(1) tal-Kap.452. Partikolarment dwar dan tal-ahhar li jghid illi t-Tribunal Industrijali jkollu dawk is-setghat li bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma moghtija lill-Qorti Civili, Prim'Awla, din il-qorti tghid li d-disposizzjoni trid tkun meqjusa fil-kuntest taghha , u taz-zewg subincizi l-ohra li jaghmlu l-Art.77, li jfisser li t-Tribunal Industrijali m`ghandux is-setgha li jqis u jiddeciedi dwar talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni.*

*L-ewwel eccezzjoni hija respinta.*

Fl-eccezzjoni tal-union intimata fil-kaz tal-lum issir riferenza ghall-Art 2, ghall-Art 69 et seq u ghall-Art 77 tal-Kap 452.

Din il-Qorti taccetta li t-tifsira ta` *tilwima tax-xoghol* skond l-Art 2(f) tal-Kap 452 tinkludi *tilwima bejn principali u haddiema jew bejn haddiema u haddiema li jkollha x`taqsam ma` … ir-rikonoxximent minn principali … tad-dritt ta` trade union li tirrapprezenta haddiema f`negozjati jew konsultazzjonijiet* (ara : "**General Workers` Union vs British High Commission**" deciza mit-Tribunal Industrijali fid-19 ta` Frar 2013).

Fl-istess waqt tghid izda li dak il-fatt ma jwarrabx il-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti milli tittratta u tipprovdi dwar ir-rikors tal-lum.

Il-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali hija determinata bl-Art 75 tal-Kap 452, ghal liema disposizzjoni, il-union intimata ma taghmel l-ebda riferenza fid-difiza taghha. Ladarba d-disposizzjoni determinanti hija l-Art 75 tal-Kap 452, hija superfluwa r-riferenza ghall-Art 69 et seq li taghmel il-union intimata, ghaliex dawk id-disposizzjonijiet jaqghu taht it-Titolu II mhux taht it-Titolu I tal-Kap 452 [ara l-Art 75(1)(b)].

Ghar-rigward tal-Art 77, il-provvediment **<u>1507/2012 fl-ismijiet "Malta Union of Bank Employees vs HSBC Bank Malta plc</u>"** (op. cit.) jindirizza l-argument li gabet il-union intimata fil-kaz tal-lum. Il-procediment tal-lum huwa ghal kollox distint mill-kwistjoni fil-mertu. Il-kompitu ta` din il-qorti huwa **<u>biss</u>** illi tara jekk humiex sodisfatti inkella le r-rekwiziti tal-Art 873 tal-Kap 12. Ghalhekk il-kompitu taghha **<u>mhuwiex</u>** li tiddeciedi l-mertu. Ir-rwol ta` din il-qorti huwa li taccenna ghall-mertu b`mod ristrett hafna sabiex tara jekk humiex sodisfatti inkella le r-rekwiziti tal-Art 873 – *punto e basta*. Il-fatt illi l-kaz fil-mertu *jista`* jispicca quddiem it-Tribunal Industrijali, ma jipprekludi bl-ebda mod lil din il-Qorti li taqdi r-rwol limitat li ghandha fil-kuntest ta` dan il-procediment.

**L-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni sollevata mill-union intimata qeghda tkun <u>respinta</u>.**

**Ikkunsidrat :**

**VIII. <u>Mertu</u>**

**Li sejra taghmel il-Qorti l-ewwel huwa li tistharreg jekk ir-rikorrenti rnexxielhiex tipprova li *prima facie* ghandha jedd li titlob il-hrug tal-Mandat.**

**Jekk fil-fehma tal-Qorti, din il-prova ma tirrizultax, allura ma jkun hemm l-ebda raguni ghala ghandha tqis l-element tal-*htiega* u l-element tal-*proporzjonalita` tal-pregudizzju* ladarba t-tliet rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi.**

**Jekk il-prova tal-jedd *prima facie* tkun tirrizulta, allura mbaghad tghaddi ghall-accertament taz-zewg rekwiziti l-ohra.**

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, issemma l-ghadd ta` 85 child carers mal-Fondazzjoni ntimata fix-xahar ta` Dicembru 2014. Waqt l-istess trattazzjoni, issemmiet ukoll il-figura ta` 83 child carers.

In sostenn tal-istanza taghha, ir-rikorrenti ipprezentat Dok MUT1 li skond ir-rikorrenti huwa l-ghadd ta` child carers li huma membri taghha. Id-dokument kien prezentat u konfermat bil-gurament minn Kevin Bonello - President tal-MUT. L-ghadd ta` persuni li jidhru fid-dokument igib il-figura ta` 43. Jekk il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal dak id-dokument, jekk l-ghadd ta` child carers mal-Fondazzjoni huwa ta` 85, allura l-membri tal-MUT jirrapprezentaw 50.58% tac-child carers. Jekk l-ghadd huwa ta` 83, allura l-membri tal-MUT jirrapprezentaw 51.80%.

Nigu issa ghall-UHM li pprezentat Dok UHM1. Skond il-union intimata, l-ghadd tal-persuni li jidhru fid-dokument huma membri taghha. Id-dokument kien prezentat u konfermat bil-gurament minn Jesmond Bonello - President tal-UHM. L-ghadd ta` persuni li jidhru fid-dokument igib il-figura ta` 46. Jekk il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal dak id-dokument, jekk l-ghadd ta` child carers mal-Fondazzjoni huwa ta` 85, allura l-membri tal-UHM jirrapprezentaw 54.11% tac-child carers. Jekk l-ghadd huwa ta` 83, allura l-membri tal-UHM jirrapprezentaw 55.42% tac-child carers.

Ghal din il-Qorti huwa evidenti hafna l-kuntrast bejn il-figuri taz-zewg unions kontendenti.

Propju ghaliex hemm dan il-kuntrast, din il-Qorti ticcensura l-procedura tentata mir-rikorrenti.

Mir-risposta tal-awtoritajiet pubblici ntimati, jirrizulta li baqa` ma sarx il-process tal-verifika tas-shubija taz-zewg unions ghaliex meta r-rikorrenti pprezentat il-lista taghha, l-ghadd taghha ma kienx jaqbez il-50%. Skond Dok MUT1, l-ghadd jaqbez il-50%. Id-dokument pero` jgib id-data tal-10 ta` Marzu 2015 u allura **wara** l-presentata tar-rikors. Li kieku r-rikorrenti gabet dak id-dokument a konjizzjoni tal-awtoritajiet pubblici ntimati **qabel** ipprezentat ir-rikors, kien certament jibda l-process tal-verifika. Ghalhekk ir-rikors kien ghal kollox intempestiv.

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors kien dibattut kif isir il-process tal-verifika tas-shubija. Li certament trid tghid din il-Qorti huwa li dak il-process mhuwiex kompetenza taghha.

Sabiex issostni li ghandha jedd *prima facie* mhuwiex bizzejjed ghar-rikorrenti li tipprezenta lista ta` child carers membri taghha li skond hi l-ghadd taghhom jirrapprezenta l-maggoranza tac-child carers.

Fil-kaz tal-lum sabiex jista` jinghad li huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-jedd *prima facie* jrid ikun sar il-process ta` verifika tas-shubija b`mod indipendenti u trasparenti bejn il-unions koncernati *anke* sabiex jigi accertat li ebda haddiem ma jgarrab pressjoni ndebita u lanqas intimidazzjoni.

Lanqas l-argument tal-*appropriate bargaining unit* (sollevat mill-union intimata) ma huwa kwistjoni li jidhol fil-kuntest tal-accertament tar-rekwiziti tal-Art 873 tal-Kap 12. Dak huwa materja attinenti ghall-process ta` verifika (ara d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tas-27 ta` Marzu 2012 fil-kaz "**General Workers` Union vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta**")

**Din il-Qorti ma tara propju xejn illegittimu li fil-kaz tal-lum sakemm id-*deadlock* bejn iz-zewg unions jigi risolt bi process ta` verifika indipendenti u trasparenti, l-awtoritajiet pubblici intimati jkomplu jittrattaw dwar ftehim kollettiv gdid mal-union intimata (ara t-termini tal-ftehim kollettiv esebit mar-risposta tal-intimati). U mhijiex sejra tkun il-Qorti li zzomm dak il-process - kontrattwalment maqbul bejn l-intimati - fuq il-mera pretensjoni ntempestiva tar-rikorrenti li lanqas tissoddisfa l-kriterju oggettiv tal-jedd *prima facie.***

Il-hsieb ta` din il-Qorti isib sostenn fil-provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/SM**) fil-procediment "**Union Haddiema Maghqudin vs Malta Public Transport Services (Operations) Limited**" deciz fit-3 ta` Marzu 2015 meta qalet hekk :-

*9. Illi in effetti l-vertenza in dizamina tirrigwarda l-allegazzjoni li l-union rikorrenti ghandha r-rapprezentanza tal-maggoranza tax-xufiera*

*impjegati mas-socjeta` intimata u li allura, ghandha tkun hi – u hi biss – li ghandha, f'isem l-istess xufiera, tinnegozja ma' l-imsemmija socjeta` ;*

*10. Illi nonostante tali allegazzjoni tal-union rikorrenti, proceduri ohra riferiti mill-istess partijiet li fihom jirrizulta li hemm ukoll interessi ta' terzi, din l-allegazzjoni tal-union rikorrenti tirrizulta li hi robustement kontestata ;*

*11. Illi tant jirrizulta li hemm divergenza qawwija fir-rigward, li t-Tribunal Industrijali kolpit bl-istess vertenza ghazel li jinstiga kontegg metikoluz biex issir il-verifika necessarja biex jigi stabbilit il-kuntegg b'mod preciz u dettaljat taht il-kontrol tar-Registratur tat-Trade Unions;*

*12. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-union rikorrenti ghandha l-allegazzjoni taghha fir-rigward kontestata u effettivament suggetta ghall-verifika ;*

*13. Illi ghalhekk s'issa, ma jistax jigi presunt li l-istess union rikorrenti effettivament ghandha l-maggoranza fir-rigward tal-kategorija in dizamina ;*

*14. Illi konsegwentement, ma jistax jigi ritenut li prima facie ghandha d-dritt minna present ;*

**Il-Qorti tinsisti li t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat hija karenti fir-rekwizit tal-prova tad-dritt *prima facie*. Ladarba huwa mankanti dan l-element, ma hemmx ghalfejn li l-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjoni taz-zewg rekwiziti l-ohra. Il-Qorti tinsisti illi r-rekwiziti huma stretti u l-Qorti (*m`ghandhiex*) hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti kollha (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Mankanti mqar wiehed, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax johrog.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tas-27 ta` Frar 2015 safejn kienet laqghet it-talba provvizorjament, tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat. Tordna li l-ispejjez ta` din il-procedura jithallsu mir-rikorrenti.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------